# Ħsieb għax-xahar ta' April

## L-Omm li tittama fil-Qawmien ta' Binha

n mal-Knisja matul dan ix-xahar t'April, ħa nkunu qed ngħixu l-ikbar ġrajjiet agħna. Din is-sena dawn il-ġrajjiet tal-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù xuhom fid-dawl tal-Ġublew tat-Tama li ninsabu fih. Marija, omm Ġesù, ħafna qies bħala l-mara ta' tama profonda, partikolarment fil-kuntest tal-Qawmien. rat it-tislib u l-mewt ta' binha, esperjenzat sogħba profonda u niket kbir. kollu, it-tama tagħha reġgħet tqajjmet bl-aktar mod qawwi permezz tal-en ta' Ġesù.

ta' Marija hija unika għax kienet l-ewwel waħda li ħaddnet bis-sħiħ il-misteru rnazzjoni ta' Kristu—li saret omm is-Salvatur—u mbagħad, permezz tal-egħU, esperjenzat il-fond tan-niket li l-ebda omm ma setgħet tifhimha. Iżda l-fidi soda tagħha li ħejjitha biex tixhed it-trijonf aħħari tal-ħajja fuq il-mewt mien.

agħha fil-Qawmien huwa sinifikanti f'żewġ modi:

l-Qawmien: Filwaqt li Marija ma kinitx waħda min-nisa li marret lejn il-qabar vojt, il-preżenza tagħha f'riġlejn is-salib waqt it-tislib ta' Ġesù, u aktar tard aklu titlob mad-dixxipli, turi li kienet spiritwalment sintonizzata mat-tama tal-n. Hija kienet temmen, b'qalb ta' omm, li l-mewt ma kinitx it-tmiem, imma li a ta' Alla kienet se tegħleb anke l-mewt innifisha.

ı ta' Tama għal Kulmin jemmen: Marija tirrappreżenta t-tip ta' tama li ma x bit-tbatija, imma temmen fil-wegħda ta' ħajja ġdida. Hija simbolu għall-fidili qed jistennew it-twettiq tal-wegħdiet t'Alla.

'ja Kristjana tal-bidu, ix-xhieda ta' Marija fil-Qawmien kienet għajn ta' tama u Hija inkorporat it-twemmin li l-ħajja, il-ferħ u l-qawmien jiġu wara t-tbatija, u hija mudell għall-insara biex iżommu sod mat-tama, anke fl-aktar żminijiet

*Fr Jonathan Debattista*

## L-Universita' ta' Bethlehem

San Pawlu VI żar il-Palestina, li dak iż-żmien kienet parti mir-Renju tal-n, fl-1964 u tħassar il-faqar li ra fost il-popolazzjoni Palestinjana. Fuq eriment tiegħu ingħataw bidu għall-żewġ proġetti, li wieħed minnhom t-twaqqif ta' universita' Kattolika. Din il-ħolma seħħet tmien snin wara twaqqfet Universita' Nisranija ġo Bethlehem, immexxija mill-'brothers' La Salle. Din l-universita' għadha tipprepara żgħażagħ f'diversi oqsma wara l-okkupazzjoni Israeljana tal-Palestina tfaċċaw ħafna diffikultajiet. oritajiet Iżraeljani ippruvaw kemm 'il darba iwaqqfuha milli tkompli, imma id-determinazzjoni tal-għalliema u tal-istudenti żammitha ħajja. Hemm minn 3,300 student u studenta, li mal-21% minnhom huma insara u il-lament 79% huma tal-fidi musulmana.

Alla hu ċ-ċentru tar-ruħ

# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju.

April 2025

**Prattika Spiritwali**

## IT-TBATIJA



"Mulej Ġesù quddiem it-tbatija li jkolli, nasal li nintela bil-biża, u nibda nħoss li ġismi qiegħed fi sqaq b'ħajt kbir quddiemi, bla ebda tama ta' xejn, qiesni ġurdien f'gaġġa. Ġesù nitolbok li kemm jiena, u kemm kulħadd, anke dawk li huma 'l bogħod minnek, waqt it-tbatija, għamel li lkoll inħossu f'qalbna dak ix-xaqq ta' dawl. Dik l-id tiegħek li tasal tiġbidna biex nimxu 'l quddiem fil-ħajja, ġurnata b'ġurnata, bla ma naslu nieqfu biss fuq dak l-iebes li nkunu għaddejjin minnu f'dak il-mument, b'tali mod li jista' jkun li naslu niddispraw, u hekk nżidu aktar fit-tbatija tagħna. Għamel Ġesù li aħna nħallu tidwi f'widnejna u f'qalbna dik l-istedina li int għamiltilna meta għidtilna "Ejjew għandi 'ntom lkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom" Għinna Mulej biex naslu jkollna fiduċja sħiħa f'din l-istedina li qed tagħmlilna b'tali mod li naslu ngħidulek: 'Mulej ikun li trid int. Ammen'. Hekk b'talba bħal din tasal tnissel fina ċerta serenità u faraġ fil-qalb tagħna, qalb it-tbatija li nkunu għaddejjin minna fil-fiżiku tagħna f'ħajjitna.

*Fr. L. Mahoney O.Carm*

### Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' April
**Għall-Użu Tajjeb tat-Teknoloġiji l-ġodda**



Nitolbu biex l-użu tat-teknoloġiji ġodda ma jieħux il-post tar-relazzjonijiet umani, jirrispetta d-dinjità tal-persuna, u jgħinna naffaċċjaw il-kriżijiet ta' żmienna.

***Il-Maħbub jgħammar fil-moħbi f'tgħannieqa mill-aktar ġewwinija u intima, aktar ma r-ruħ tkun safja u vojta minn kollox u mimlija b'Alla***

**Laqgħa ta' tagħlim is-Sibt 26 ta' April fil 5 p.m. Dar tal-Leġjun**